# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2259

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2853/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Victor Spiteri (ID.707154M)**

**vs**

**Pisciculture Marine De Malte Limited (C12129)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 7 ta' Jannar 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Victor Spiteri pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl-4 ta' Novemrbu 2010 tramite l-avukat Dottor Gavin Gulia. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Kemm fir-rikors kif ukoll fl-Istqarrija tal-Kaz tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa kien gie impjegat mas-socjeta` intimata bhala Packing Manager b'kuntratt indefinit fuq bazi full-time, liema impieg gie terminat fl-4 ta' Settemrbu 2010 ghal raguijiet li ma kienux gusti u sufficjenti skond il-ligi. Jghid li s-socjeta intimata ressqet il-pretest li huwa kellu tilwima mas-sur Robert Aquilina, direttur Manigerjali tal-istess kumpanija fil-25 ta' Awwissu 2010, izda kellu jirrizulta li ma kien hemm ebda tilwima bejniethom. Huwa jghid li fl-10

t'Awwissu 2010 is-sur Aquilina hareg 'memo' li tghid li skond il-ligi 50% tal-leave kellu jittiehed skond il-'company's workload' mentri l-50% l-ohra jittiehdu skond il-bzonnijiet tal-impjegat. Dakinhar huwa kellu ghad-dispozizzjoni tieghu 39 gurnata f'leave jew *time-in-lieu*, u kien diga' applika ghal 6 ijiem leave f'Settembru 2010, liema leave sussegwentement ma giex approvat. Fis-16 t'Awwissu 2010 huwa rega' applika ghal 10 ijiem leave ghal Ottubru 2010, liema leave gie approvat, izda imbaghad fil-25 t'Awwissu 2010 ir-rikorrent induna li l-leave tieghu gie kkancellat bla ma gie infurmat. Meta r-rikorrent baghat email lis-sur Aquilina biex jispjegalu ghalxiex gie mhassar il-*leave* tieghu, is-sur Aquilina rrispondih b'tghajjir u theddid ta' tkeccija. Meta l-ghada mar ghax-xoghol cempillu s-sur Aquilina li qallu biex jitlaq mill-post tax-xoghol ghax kien sospiz; fis-27 t'Awwissu 2010 il-Financial Controller kitiblu biex jitolbu jispjega ghalfejn kien hedded lis-sur Aquilina bi vjolenza fizika, u r-rikorrent irrisponda ghal din l-ittra. Ir-rikorrent gie infurmat li l-impieg tieghu gie terminat b'ittra tal-4 ta' Settemrbu 2010.

Il-kumpanija intimata rrispondiet bi Stqarrija tal-Kaz fejn tghid li r-rikorrent kien ilu impjegat maghha bhala Packing Manager sa mis-7 ta' Awwissu 1993, u tkecca fl-4 ta' Settembru 2010 wara incident li sehh fil-25 t'Awwissu 2010. Jinghad li l-impieg tar-rikorrent dejjem kien wiehed difficli fis-sens li r-rikorrent kien skontruz, u f'xogholu kemm –il darba wera nuqqasijiet serji u li sahansitra swew eluf ta' Euro f'danni lill-kumpanija. Jinghad li fil-25 ta' Awwissu 2010 d-direttur tal-kumpanija Robert Aquilina fil-ghodu cempel lir-rikorrent biex jghidlu li l-*leave* li kien applika ghalih ir-rikorrent ghax-xahar ta' Ottubru kien gie immarkat bhala '*cancelled*' bi zball jew *oversight*, u ghalhekk ma kienx hemm problemi biex ir-rikorrent jiehu dak il-*leave.* L-izball sar ghaliex ir-rikorrent talab granet ta' *leave* ghax-xahar ta' Novembru u s-sur Aquilina haseb li dan kien ser jittiehed flok dak ta' Ottubru. Wiehed seta' jinnota d-differenza mill-*leave* mitlub ghax-xahar ta' Settembru li kien "refused" u mhux "cancelled". Jinghad li r-rikorrent baqa' jargumenta mas-sur Aquilina anke wara li dan gie spjegat lilu, anzi beda jmaqdar lill-haddiema l-ohra u sfida lis-sur Aquilina biex jiltaqghu barra. Is-sur Aquilina talbu jmur

ikellmu l-officju siegha wara, izda r-rikorrent flok attenda ghal din il-laqgha telaq mix-xoghol; aktar tard ir-rikorrent beda jcempel l-officju u jitkellem b'mod aggressiv, tant li anke spicca jkellem lis-sur Aquilina kliem hazin, ghajru bil-familja u heddu bi vjolenza fizika, sa ma dan qataghlu l-linja. Ir-rikorrent gie infurmat b'SMS li kien gie sospiz, izda l-ghada xorta dahal ghax-xoghol; hawnhekk is-sur Aquilina cempillu biex jerga' javzah li huwa kien sospiz izda bil-paga, u b'ittra tas-27 t'Awwissu 2010 ir-rikorrent intalab jaghti spjega ta' dak li ghamel. Ir-rikorrent irrisponda fit-2 ta' Settembru 2010, imma ma tkellimx fuq dak li gie mitlub jispjega u allura tqies li ma kellux spjegazzjoni valida. Ghal din ir-raguni r-rikorrent tkecca fl-4 ta' Settembru 2010.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fil-11 ta' Jannar 2011, dan it-Tribunal appella lill-partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda l-partijiet ma urew ebda propensita` ta' ftehim.

IL-PROVI MIGJUBA

Ghall-kumpanija beda biex xehed ic-Chief Executive Officer Robert Aquilina li spjega kif il-kumpanija tixtri l-hut, tippakkjah u tbieghu: ir-rikorrent kien Packing Manager li allura kien responsabbli minn nies li kienu jippakkjaw il-hut; dan kellu officju f'San Pawl il-Bahar u postazzjoni fuq il-lant tax-xoghol fil-Mistra. Spjega kif fl-10 t'Awwissu 2010 ir-rikorrent talab *vacation leave* ghal Settembru, imma dan ma setax jinghatalu ghax kien hemm hafna xoghol, u dan accetta li ma jinghatalux. Imbaghad fis-16 t'Awwissu applika ghal jiem ta' *leave* kemm f'Ottubru li kien gej kif ukoll ghal Frar tas-sena ta' wara, u gew accettati. Imbghad fit-23 t'Awwissu 2010 applika ghal jiem ta' *leave* ghal Novembru, u dan Aquilina u l-persuna li tiehu hsieb il-*leave* (Stephen Borg

Millo) hasbu li din l-applikazzjoni ghal *leave* f'Novembru kellha tirrimpjazza l-applikazzjoni t'Ottubru. Ir-rikorrent inghata l-applikazzjoni ta' Ottubru lura bl-indikazzjonijiet li giet kancellata, u dan cempel lil dan ix-xhud biex jara ghalfejn thassar. Wara li gie spjegat lir-rikorrent li kien hemm malintiz, dan baqa' jargumenta u jghid li l-imsemmi Borg Millo igerfex f'xogholu. Imbaghad qal lil Aquilina biex jiltaqghu barra, izda Aquilina qallu li jekk ried jitkellem dwar xoghol kellhom jiltaqghu fl-10,00am fl-ufficju tieghu. Saru l-11.00am u Spiteri kien ghadu ma giex, u meta Aquilina cempillu Spiteri qallu li kien spicca mix-xoghol (ghax ghandu hinijiet *flexible*) u mar id-dar u ma riedx imur jiddiskuti xejn. Dan ix-xhud jghid li l-bicca waqfet hemm, imma xi nofs siegha wara r-rikorrent beda jcempel l-officju biex ikellmu izda bdiet "taqta' l-linja, jerga' jcempel, ried ikellem bilfors lili." Fl-ahhar dan ix-xhud accetta li jkellmu billi mar fil-kamra ta' Borg Millo u xeghel il-*loud-speaker* tat-telefon, u waqt dik it-telefonata "hemmhekk inqala' l-argument li kellna f'dik il-gurnata."

Dan ix-xhud Aquilina jghid li Spiteri beda jitkellem hazin biex jghid li ma jimpurtahx mix-xoghol, u beda jisfidah biex "johrog minn hemm ha nifqaghlek ix-xedaq". Jghid li d-diskursata fuq it-telefon bhal imbidlet meta Spiteri staqsieh x'ghandu xi jghid dwar dak li tghid il-mara ta' Aquilina lil martu li huwa mhux tajjeb ghas-sess. Imbaghad kien ser jibda jghidlu x'gieghluh jaghmel il-genituri tieghu u hawnhekk Aquilina qatghalu l-linja ghax iddejjaq mill-kollegi tieghu li kienu qed jisimghu kollox fuq il-*loud-speaker*. Wara, dan ix-xhud baghat sms lil Spiteri biex jghidlu li kien sospiz; l-ghada Spiteri dahal ghax-xoghol xorta u ghalhekk cempillu biex jghidlu li kien sospiz; xi hin aktar tard cemplulu tal-Labour Office biex jikkonfermaw li Spiteri kien sospiz u li dan kien ghadu bil-paga ghaddejja. Fis-27 ta' Awwissu 2010 inhargitlu l-ittra biex jaghti spjegazzjoni ghal li ghamel. Jghid li r-rikorrent gebbed sat-2 ta' Settembru biex irrisponda, imma ma tkellem xejn fuq id-diskors li qal fuq it-telefon bhal li kieku ma ntqal xejn; ghalhekk fl-4 ta' Settembru 2010 keccih u hallsu sa dakinhar kemm il-pagi kif ukoll tal-*leave* li kien ghadu ma hax.

Dan ix-xhud jghid li Spiteri ma kienx impjegat ideali: isemmi kif xi snin qabel il-kumpanija indunat li Spiteri, li kien jiehu nota ta' kemm kienu jdumu fuq il-lant tax-xoghol il-haddiema ta' tahtu, kien qed izidilhom il-hin li jkunu hadmu. Aquilina jghid li r-rikorrent ammetta li kien ghamel dan biex ihajjar lill-haddiema jaghglu f'xogholhom. Dan ix-xhud jghid li minhabba f'dan il-kumpanija dahhlet *punch-clock* u CCTV; u jghid li kien hemm mara li kienet tigi tnaddaf li ukoll kienet tithallas skond kemm taghmel sieghat xoghol hekk kif kien jimmarkahulha Spiteri – jghid li l-kumpanija kienu qed jinnotaw li din kienet qed tithallas ta' sieghat twal, u meta giet stallata s-CCTV din il-mara ddecidiet li tieqaf tahdem. Jghid li kien hemm okkazjoni fejn klient Malti inghatalu pellet ħut li jiswa aktar minn €1,500 izda dan ma ffirmax *delivery-note*. Spiteri kien responsabbli li jigbor id-*delivery-notes* u jghaddihom lill-accounts sabiex johorgu l-*invoices*; la ma gabarx *delivery note* anqas harget *invoice* relattiva. Meta l-kumpanija marret ghand il-klient biex xorta tithallas tal-pellet hut, il-klient beda jghid li huwa ma kienx ircevihom il-hut, u meta l-kumpanija daret fuq Spiteri dan wera li ddispjacih u qal li l-izball sar ghaliex fuq ix-xoghol kien hemm id-dawl maqtugh. Fl-2008 kellu zewg delivery notes li m'ghaddihomx lill-accounts, imbaghad meta dahhalhom u marru biex jithallsu l-klient ma hallasx ghax innota li ma kienx iffirmahom. Dan ix-xhud jghid li dawn huma l-incidenti l-kbar, imma Spiteri kien jaghmel diversi zbalji ohra izghar, bhal meta suppost baghat konsenja hut, u ma baghathiex.

In kontroezami dan ix-xhud jghid li l-kumpanija m'ghandhiex drawwa tohrog *written warnings* hlief lill-impjegati f'livell baxx, pero` Spiteri gieli inghatawlu *verbal warnings*. Jghid li dan suppost kellu jahdem medja ta' 40 siegha fil-gimgha, u jekk jahdem izjed jinghata t-*time-in-lieu*. Jghid li r-rikorrent hadem maghhom madwar 15 –il sena u kien hemm 3 okkazjonijiet fejn ma pproduciex id-*delivery-notes*. Mistoqsi kienx Spiteri stess li nduna li dawn kienu neqsin, ix-xhud ma ftakarx. Anqas ma seta jichad li min jiccekkja lil Spiteri, Borg Millo u Sammut, ma kienux indunaw bl-izbalji. Jispjega li l-incidenti tad-*delivery-notes* ma semmihomx biex jimplika li Spiteri prova jisraq imma biex juri li kien negligent f'xogholu. Dwar it-tkeccija, ix-xhud jichad li t-ton ta' glied beda meta widdeb lil Spiteri biex ma jmurx l-officju dment li ma jkunx

hemm hu jew Borg Millo, u cahad li Spiteri qallu li m'ghandux ghalfejn jinkwieta ghax hemm is-CCTV. Huwa jichad is-suggeriment li huwa qal lil Spiteri li fil-*farm* kulhadd kien joboghdu, u cahad li Spiteri irrimarkalu li Borg Millo ma kienx ikun irid jaghmel ix-xoghol tieghu. Gie pprezentat rendikont tal-*leave* fl-2010: wara s-sieghat zejda li hadem u *leave* mhux mehud mis-sena ta' qabel, ir-rikorrent kien ser ikollu 41 jum leave, pero peress li ma hadimx bejn Settemrbu u Dicembru tnaqqsu 8 jiem, li jigu 33 jum. Ma' dawn kien hemm 3.75 jiem ohra ta' *time-in-lieu*. Ma jichadx li bejn l-1999 u l-2003 ir-rikorrent ha biss 4 ijiem *sick-leave*. Jghid li seta' kien il-kaz li r-rikorrent ghamel numru ta' snin ma jithallasx tas-sieghat zejda, imbaghad accetta li jibda' jtih it-*time-off-in-lieu*, ghalkemm m'ghamel ebda ftehim miktub dwar dan. Sussegwentement xhed li t-*time-off-in-lieu* beda jinghatalu fl-1999.

Xhed il-Human Resources Manager Stephen Borg Millo. Jispjega kif huwa kien haseb li meta Spiteri talab *leave* ghax-xahar ta' Novembru dan kien ser jiehdu flok il-*leave* li inghatalu ghax-xahar ta' Ottubru, u meta qal lil Aquilina b'dan, Aquilina kkancella l-*leave* t'Ottubru. L-ghada sab il-formola tal-*leave* t'Ottubru bil-kelma "WHY?" miktuba fuqha u uriha lil Aquilina. Aquilina kellem lil Spiteri dwar l-izball mhux fil-prezenza ta' dan ix-xhud, pero` gie jghidlu li Spiteri kien gej ikellmu fl-10.00am u aktarx jinqala' xi haga. Spiteri ma giex, u aktar tard Aquilina cempillu minn fejn seta' jisimghu dan ix-xhud: f'nofs telefonata Aquilina ghafas il-buttuna tal-*loud-speaker* u x-xhud beda jisma dak li kien qed jghid Spiteri ukoll. Dan ix-xhud jghid li sema lil Spiteri jistieden lil Aquilina biex jiltaqghu barra halli jifqaghlu x-xedaq, u jirrakkonta d-diskors li xhed fuqu Aquilina fix-xhieda tieghu, pero` ma jsemmix id-diskors dwar x'tghid il-mara tieghu.
In kontroezami dan ix-xhud jichad is-suggeriment li n-notamenti li rrefera ghalihom waqt ix-xhieda tieghu kienu prattikament simili ghan-noti li rrefera ghalihom ix-xhud Robert Aquilina meta xhed hu. Jghid li t-telefonata li ghamel ir-rikorrent fejn offenda lil Aquilina saret fl-officju tieghu (ta' Borg Millo) ghaliex Aquilina spiss jidhol fl-ufficju tieghu u t-telefonata hadha minn hemm.

Xhed imbaghad Anthony Paul Sammut li huwa Maintenence Manager mal-kumpanija intimata. Jghid li fil-25 t'Awwissu 2010 dahal fl-ufficju ta' Robert Aquilina u sabu qed ikellem lil Spiteri fuq it-telefon, li kien qieghed bil-"hands-free". Jghid li sema lil Spiteri jghajjar lil Aquilina "bahnan" u "hadd ma jahmlek"; jghid li imbaghad Spiteri ghajru li mhux kapaci jissodisfa lill-mara fis-sess u Aquilina qataghlu t-telefon. Jghid li kien ser jaghti xi dokumenti dwar maintenance ta' magni lil Aquilina. Jghid li sema hafna lil Spiteri jitkellem mentri Aquilina bil-kemm tkellem. Anke meta Spiteri ghajru "bahnan" ma ftakarx li Aquilina rrispondih lura. Dan ix-xhud jichad is-suggeriment li sarlu li kien qed jiddejjaq jixhed x'qal Aquilina ghax l-istess Aquilina kien prezenti fl-Awla waqt ix-xhieda tieghu bhala rapprezentant tal-kumpanija. Fuq mistoqsija specifika tat-Tribunal dan ix-xhud jghid li la sema lil Aquilina u l-anqas lil Spiteri jitkellmu hazin, u anqas sema lil hadd minnhom jhedded.

Joseph Sammut, il-Financial Controller tal-kumpanija intimata, jghid li cempel Spiteri u Aquilina ha t-telefonata mill-officju tas-sur Borg Millo. Mill-kamra tieghu seta jisma` kemm lill-Aquilina kif ukoll lil Spiteri peress li t-telefon kien fuq il-*loud-speaker*. Dan ix-xhud jaf li d-diskursata segwiet il-"*misunderstanding*" ta' meta Spiteri pprezenta 3 formoli ghall-*leave* u Borg Millo haseb li wahda minnhom kellha tirrimpjazza ohra. Dan ix-xhud ukoll ghamel referenza ghal notamenti li ha xi zmien qabel, u semma (bhal Aquilina u bhal Borg Millo) li Spiteri hedded lil Aquilina li jifqaghlu x-xedaq u l-aghar li jista' jehel kien Lm15. Bhal dawk iz-zewg xhieda, dan ix-xhud isemmi wkoll li Spiteri irrimarka lil Aquilina li Nota li kien ghamel Aquilina stess fil-file personali ta' Spiteri kienet tqattghet minn xi hadd li ma jaħmilx lil Aquilina, u dan meta tali file mhu ghad-dispozizzjoni ta' ebda impjegat. Jghid ukoll li Spiteri offendih li mhux tajjeb ghas-sess u li missieru kien hassru. Jghid li hawnhekk Aquilina qataghlu l-linja, izda Spiteri baqa' jcempel sa ma fl-ahhar Aquilina kellmu u qallu biex ghalissa ma jidholx ghax-xoghol. Hadu parir legali u kitbulu ghal biex jiggustifika ruhu; pero Spiteri ma rrispondx rigward

it-telefonata u ghalhekk tkecca mill-impieg. In kontro-ezami jikkonferma li x-xhud Tony Sammut dahal fl-officju f'nofs it-telefonata. Aktar tard xhed u cahad li qatt sema lil Aquilina juza kliem dispreggattiv kontra l-ohrajn.

Ir-rikorrent xhed li fis-17 –il sena li dam jahdem mal-kumpanija huwa kien ihobbha lill-kumpanija. Jghid li kien igib il-kumpanija qabel il-familja tieghu stess: *sick-leave* ma kienx jiehu, anqas meta kiser idu u kellu jaghmel il-punti. Jghid li f'Mejju 2010 gie mfahhar ghal xogholu u kellu zieda fil-paga, izda xi ftit wara Borg Millo staqsih meta kien bi hsiebu jieqaf mix-xoghol. Ir-rikorrent baqa' jehwden fuq din il-mistoqsija ghax kien jaf li fl-2011 il-kumpanija kellha ggib makna kbira gdida ghall-ippakkjar, u allura certi nies aktarx kienu ser ikunu zejda. Imbaghad fl-10 t'Awwissu inharget Memo dwar kif kellu jittiehed il-*leave*, u dakinhar huwa applika ghal *leave* f'Settembru. Is-sur Aquilina talbu jiehu l-*leave* aktar tard, u ta' Settembru gie rifjutat. Imbaghad applika ghal *leave* f'Ottubru, f'Novembru u fi Frar tas-sena ta' wara. Mar jigbor l-applikazzjonijiet iffirmati u sab li t'Ottubru kienet "Cancelled". Mar isib lil Aquilina izda ma kienx fl-officju, u hallielu l-applikazzjoni u kitiblu fuqha l-kelma "WHY?" fuq id-*desk*. Cempel lil Borg Millo dwar dan, izda Borg Millo, ghalkemm responsabbli mil-*leave*, qallu biex ikellem lil Aquilina. Cempel lil Aquilina u dan beda jirrabja mieghu u jghidlu biex ma jmurlux fl-officju meta ma jkunx hemm hu, imbaghad beda jakkuzah li mhux qed jersaq lejn l-officju biex ma jkellmux, u beda jghidlu li jekk xeba' jahdem jitlaq u xogholu jaghmlu hu ghax fuq ix-xoghol kulhadd joboghdu. Fuq il-kliem li kellu jitlaq, ir-rikorrent telaq lejn id-dar, u hu u jsuq cempillu Aquilina u qallu li riedu biex ikellmu, izda hu baqa' sejjer id-dar ghax kien inkwetat fuq il-fatt li kellu l-impieg tieghu terminat meta kellu 57 sena. Id-dar spicca xorob xi grokkijiet u aktar tard cempel lil Aquilina u f'din it-telefonata huwa gholla lehnu ma' Aquilina, imma mhux offendih jew heddu. Jghid li huwa ma kienx jaf li Aquilina xeghel il-*loud-speaker* tat-telefon, u ghalhekk ma basarx li dak li kien qed jghidlu kienu qed jisimghuh l-ohrajn. L-ghada haseb li forsi kienet gurnata hazina u jghaddi kollox, u rega' mar ghax-xoghol, izda gew zewg haddiema isegwuh u immedjatament cempillu Aquilina u ordnalu jitlaq.

Intalab jirritorna dak kollu li kellu tal-kumpanija, kif fil-fatt ghamel. Wara huwa pprova jsib xoghol iehor izda kien difficli bl-eta` ta' 57 u baqa' bla impieg.

In kontro-ezami spjega kif il-konsenja ta' hut li ma kellhiex *delivery note* grat ghaliex kienet gurnata li fejn il-haddiema hadmu mis-7.00 ta' fil-ghodu sa nofsillejl bla waqfien, u meta dalam ma kellhomx dawl x'jixghelu. Bi zball tat-trailer ghabba konsenja hut ghal Azzopardi Fisheries meta dan kien diga' gabar il-konsenja ordnata ghax kien ippreparalu Spiteri. L-ghada, ta' Azzopardi gie, sab it-trailer ippakjat lest u qabad u tlaq bih bla ma ffirma xejn. Spiteri ried jirrapporta lill-pulizija izda Aquilina ma riedx. Meta r-rikorrent kien ser jispjega l-akkuza li *delivery note* instabet wara sena, il-konsulent legali tas-socjeta` intimata waqqfu milli jaghti tali spjega. Jghid li fil-25 ta' Awwissu 2010 kien inkwetat bil-fatt li thassarlu l-*leave* u hadd ma nfurmah, meta kien diga' bbukja safra. Inkwieta bil-fatt li Borg Millo ma tahx spjegazzjoni u ghalkemm huwa kien responsabbli, irreferih ghas-sur Aquilina. Huwa hassu offiz imbaghad ghaliex meta staqsa lil Aquilina dwar din il-bicca, dan beda jghajjru. Jghid li sakemm tkellmu bit-telefon fil-ghodu, Aquilina ma kienx qallu li l-*leave* ta' Ottubru thassar bi zball: huwa hatfu mill-ewwel biex jakkuzah li ma kienx qed imur l-officju, u ordnalu jitlaq ghax kulhadd kien jobghodu. Mistoqsi direttament jammettix li huwa kellem lil Aquilina fuq is-sess, ir-rikorrent ammetta li veru, izda ma kienx jaf li qed jisimghu haddiehor. Jichad li tkellem hazin u li qallu li l-impjegati kienu joboghduh lil Aquilina, imma jammetti li qallu li l-impjegati jidhku bih f'wiccu. Jaqbel li ssuggerixxa li jiltaqa' ma' Aquilina "barra", izda jispjega li dan kien wara li Aquilina keccih u qallu biex ma jersaqx 'l hemm izjed: qallu biex jiltaqghu barra bl-avukati. Jghid li mhux veru irceva sms li kien sospiz, izda jista' jkun irceva xi email u ma rahiex qabel lehaq rega' mar ghax-xoghol l-ghada. Jghid li ghalkemm l-akkuzi li ghamel Aquilina dwar is-sess kienu veru, Aquilina ghamel is-snin kollha joffendih u hu joqghod ghalihom peress li huwa l-imghallem tieghu. Bhala ezempju jghid li Aquilina gieli ghajru li l-familja tieghu morda u gieli ghajru li hu "dublett ta' martu".

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal sabha difficli jemmen xi wahda mill-verzjonijiet tal-partijiet fl-intier taghha: kull verzjoni ghandha aspetti xejn verosimili. Skond il-verzjoni tas-socjeta` intimata, ir-rikorrent kien ilu jaghmel zbalji tant li tellef lill-kumpanija eluf ta' Euro. Meta wiehed jara x-xhieda ta' Robert Aquilina jasal ghall-konkluzjoni li meta graw l-incidenti msemmija kien gie konkluz li r-rikorrent kien in buona fede u ftit li xejn kellu tort: kieku ma kienx hekk ma kien ikun xejn spjegabbli kif qatt ma nhariglu *written warning* fuq oggetti daqstant serji. Skond il-verzjoni tal-kumpanija, is-sur Borg Millo "assuma" li t-talba ghal *leave* f'Novembru kellha tirrimpjazza t-talba ghall-*leave* f'Ottubru: wiehed ukoll jiddubita minn kemm dan hu verosimili gialadarba s-sur Borg Millo kull ma kellu bzonn jaghmel kien li jkellem lir-rikorrent biex se mai jikkonferma li ried jikkancella l-*leave* t'Ottubru. Skont il-verzjoni tas-socjeta` intimata kif spjegata mill-abbli difensur fit-trattazzjoni, s-sur Aquilina sab l-applikazzjoni bil-kelma "WHY?" u cempillu u hemmhekk inqala' battibekk ghaliex Spiteri hassu offiz li l-*leave* gie kkancellat, u ghalhekk Aquilina qallu biex imur ikellmu fl-officju fl-10.00. Pero` Aquilina jixhed li huwa stieden lil Spiteri biex imurlu fl-officju fl-10.00 peress li Spiteri sfidah jiltaqghu barra bhal biex jiggieled. Jekk huwa minnu li Aquilina kien diga' spjega lil Spiteri x'kien l-izball tal-leave, ghalxiex kellu bzonn ikellmu mill-gdid fl-officju? Ghalfejn Aquilina ghall-ewwel beda jevita li jiehu t-telefonata ta' Spiteri jekk hu stess qallu biex imur ikellmu l-officju? Borg Millo jixhed li qabel ma ddecieda li jiehu t-telefonata ta' Spiteri, Aquilina qallu li kienet gejja xi wahda – Aquilina kif kien jaf li kienet ser tkun telefonata tahraq? Mhux talli basar li ser tkun telefonata tahraq, talli mar jehodha mill-officju ta' Borg Millo u xeghel il-*loud-speaker*. Iktar minn hekk, skond ma jghidu x-xhieda tas-socjeta` intimata, Aquilina ftit li xejn tkellem u kien biss Spiteri li kien qed jisvoga oggett wara l-iehor. Din l-attitudni ta' Spiteri bil-fors kienet provokata minn xi haga li weggghetu hafna, u din ma setghetx kienet il-kwistjoni tal-*leave*, meta tqis li ftit jiem qabel applika ghal *leave* f'Settembru u dan gie rifjutat bla

problemi. Skond il-verzjoni tas-socjeta` intimata r-rikorrent kien aggressiv hafna f'din it-telefonata, u dan it-Tribunal jemmen li veru hekk kien.

Skont il-verzjoni tar-rikorrent, huwa hassu urtat bil-fatt li hass li l-Amministrazzjoni tal-kumpanija kienet qed tkun malizjuza mieghu meta kkancellatlu *leave* li kien diga' approvat, u meta kellem lil Borg Millo dwar dan, Borg Millo qallu li kellu jkellem lil Aquilina. Pero` mill-ittra tat-2 ta' Settembru 2010 jirrizulta li Spiteri minn jeddu qabez lil Borg Millo u baghat email lil Aquilina ghal spjega: ghal xi raguni li dan it-Tribunal iqis suspettuza, il-kumpanija intimata ma pproducietx din l-email, mentri huwa probabli li r-rikorrent ma kienx ghad ghandu access ghal tali email. Tali email kienet turi x'tonalita adotta r-rikorrent ma' Aquilina. Il-mistoqsija ssegwi hija:- jekk Borg Millo ha zball, Aquilina ghalxiex ma hallihiex f'idejn Borg Millo biex jirranga kollox u jispjega hu lil Spiteri bl-izball li ha? Skont il-verzjoni tar-rikorrent, sa mill-ewwel telefonata ta' fil-ghodu tal-25 tAwwissu 2010 huwa kien diga' tkecca mix-xoghol u ghalhekk telaq lejn id-dar. Din ukoll ma tidhirx verosimili peress li f'ebda mument hu ma qal dan ir-rikorrent fl-ittra tieghu tat-2 ta' Settembru 2010 (dokument VS7 f'folio 14).

Dan it-Tribunal ikollu jirrikostruwixxi l-incidenti kif fil-probabilta` sehhew il-fatti. It-Tribunal ser jaccetta l-ispjega tal-malintiz peress li kemm iz-zmien kopert bil-*leave* f'Ottubru u kemm dak ta' Novembru jammontw ghal 16 –il jum, pero` jekk inhu hekk Borg Millo u Aquilina zbaljaw meta ma vverifikawx ma' Spiteri. Meta fil-25 ta' Awwissu 2010 Spiteri sab li kellu l-*leave* ikkancellat mar ikellem lil Aquilina izda dan kien ghadu ma dahalx, u ghalhekk hallielu l-applikazzjon bil-mistoqsija "Why?". Ghadda l-hin u Aquilina kien ghadu ma rrispondiex, mentri Spiteri baqa' jhewden ghalxiex kien qed jigi rifjutat lilu l-*leave* minghajr anqas biss jigi infurmat. Ghalhekk baghtlu email. Jidher li b'xi mod din l-email urtat lil Aquilina, li minghajr anqas biss kellu zmien jifhem kif sehh il-malintiz u zball li kienu kkommettew hu u Borg Millo, irreagixxa aggressivament sal-punt li lil Spiteri qallu "Jekk inti mdejjaq u xbajt itlaq". Spiteri irrispondih li jekk jitlaq hu, Borg Millo (li soltu jirrimpjazzah) ma kienx

kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu sew, u hawnhekk Aquilina rrispondih li fil-kaz ix-xoghol ta' Spiteri jibda jaghmlu hu. Jidher li Aquilina ma riedx ikecci lil Spiteri imma ried jurih li hu jikkmanda, pero` b'li gara u bi kliemu Spiteri wegga', kien konfuz u ma hassux f'kundizzjoni li jibqa' fuq ix-xoghol u telaq, aktar u aktar peress li kellu jmur ghal impenn iehor. Hu u sejjer, Aquilina cempillu biex imur lura halli jkellmu, izda dan kien qed isuq u kellu fejn imur u allura baqa' sejjer u qallu li jcempillu aktar tard. Hawnhekk Aquilina fehem li Spiteri ha ghalih bil-goff, u stenna li meta jcempillu lura kien ser itih hasla – previzjoni li esprimiha meta kellem lil Borg Millo. Ghalhekk meta Spiteri fil-fatt cempillu, Aquilina ddecieda li ma riedx ikellmu u bdew jaqtghulu l-linja (hekk xhed hu stess). Spiteri kien diga' rrabjat hafna, u fuq din li Aquilina ma riedx ikellmu aktar innervja u sahan, u baqa' jerga' jcempel. Aquilina ddecieda li jiehu t-telefonata, izda mill-kamra ta' Borg Millo u bit-telefon fuq il-*loud-speaker*. Hawnhekk Spiteri jidher li zvoga r-rabja kollha tal-*leave* (li sa dak il-punt kien ghadu ma inghata ebda spjega fuqha), tad-diskors li ntqal fil-ghodu, u ta' offizi ohra li huwa seta' rceva minn ghand l-imghallem tieghu tul is-snin, u qabez il-limiti kollha. Wara dan jidher li Aquilina ddecieda li jkecci lil Spiteri, pero` biex jidher li kollox qed isir gust Spiteri inghata zmien jiggustifika l-agir tieghu. Fil-waqt li z-zmien ghar-risposta gie estiz sat-3 ta' Settembru 2010, il-kumpanija kienet diga' talbet lil Spiteri jghaddilha "kull dokument jew propjeta tal-kumpanija fil-pussess tieghek," skont l-email ta' Joseph Sammut tal-31 t'Awwissu 2010 (folio 26).

Dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm ir-rikorrent naqas sew fil-konfront tas-superjur tieghu meta qallu kliem dispreggattiv, l-imgieba tar-rikorrent ghandha tigi evalwata fil-kuntest ta' impjegat li huwa Manager li htija ta' nuqqasijiet da parti ta' Robert Aquilina u Stephen Borg Millo, huwa kien qed ihossu li kien qed jigi stmat ta' tifel zghir. Ghalkemm ir-rikorrent qabez il-limiti fid-diskors tieghu, jidher li fi 17 –il sena ta' impieg huwa gab il-kumpanija 'l quddiem, u ma kienx sew li dan kollu ma jigix apprezzat u jintnesa, aktar u aktar meta r-rikorrent kien qed joqrob ghall-eta` tal-penzjoni. Bhal ma inghad f'hafna decizjonijiet ohra tat-Tribunal Industrijali, ghandu jkun hemm rispett reciproku

bejn min ihaddem u l-impjegati, u dan it-Tribunal ihoss li z-zewg nahat naqsu f'dan ir-rispett fil-konfront ta' xulxin. Ghaldaqstant it-tkeccija tar-rikorrent qed titqies bhala mizura wisq drastika, estrema u mhux gustifikata. Ghalkemm ir-rikorrent jghid li baqa' ma sabx impieg alternattiv, dan it-Tribunal qed iqis ukoll in-nuqqasijiet tar-rikorrent meta ssir il-kwantifikazzjoni tal-kumpens.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent ma kinitx gustifikata, ghalkemm kien hemm nuqqasijiet mir-rikorrent, u f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta` intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens ta' tmint elef Euro (€8,000) sa zmien xahar mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman